



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

0000/2013(INI)

8.5.2013

EMENDI 1 - 79

Abbozz ta' rapport
Andrew Duff
(PE508.212v01-00)

It-titjib tal-arranġamenti prattiċi għaż-żamma tal-elezzjonijiet Ewropej fl-2014

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

Emenda

wara li kkunsidra l-Artikoli 11, **12(2)** u 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

Or. pt

Emenda 2
Andrew Duff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

Emenda

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni 11 dwar l-Artikolu 17(6) u (7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 3
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

Emenda

wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini,

Emenda 4
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/1/UE li temenda d-Direttiva 93/109/KE,

Emenda

wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2013/1/UE **tal-20 ta' Diċembru 2012** li temenda d-Direttiva 93/109/KE **dwar ċerti arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini,**

Emenda 5
Zita Gurmai, Mikael Gustafsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-21 ta' Settembru 2010 bl-isem ta' "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010 - 2015" (COM(2010)491 final),

Emenda 6
Andrew Duff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Emenda

wara li kkunsidra l-Artikoli 48 **u 105** tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Or. en

Emenda 7
Andrew Duff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi ġie miftiehem li l-ġranet tal-votazzjoni tal-elezzjoni jinġiebu 'l quddiem, u jkunu bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2014;

Emenda

A. billi ġie miftiehem li l-ġranet tal-votazzjoni tal-elezzjoni jinġiebu 'l quddiem, u jkunu bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2014, **u, għalhekk, li s-sessjoni kostitwenti tal-Parlament il-ġdid issir nhar l-1 ta' Lulju;**

Or. en

Emenda 8
Morten Messerschmidt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi ġie miftiehem li l-ġranet tal-votazzjoni tal-elezzjoni jinġiebu 'l quddiem, u jkunu bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2014;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 9

Zita Gurmai, Mikael Gustafsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

C b. filwaqt li ġie nnutat progress lejn ekwilibriju bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi, għad fadal ħafna xi jsir,

Or. en

Emenda 10

Alain Lamassoure, Constance Le Grip

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

D. billi l-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni;

D. billi l-partiti politiċi fil-livell Ewropew ***huma atturi fl-isfera politika Ewropea; billi*** jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni;

Or. fr

Emenda 11

Morten Messerschmidt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

D. billi l-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-

imħassar

għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 12
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

D. billi l-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni;

Emenda

D. billi l-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni, ***li hi ta' sinifikat partikolari fid-dawl tal-kompetenti usa' tal-Parlament Ewropew skont it-TUE;***

Or. en

Emenda 13
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

D. billi l-elezzjonijiet tal-2014 għall-Parlament Ewropew se jkunu l-ewwel li se jseħħu wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u b'hekk jagħtu opportunità importanti ħafna għall-adozzjoni ta' miżuri għaż-żieda tat-trasparenza tal-imsemmijin elezzjonijiet u t-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tagħhom;

Emenda

Da. billi l-elezzjonijiet tal-2014 għall-Parlament Ewropew se jkunu l-ewwel li se jseħħu wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u b'hekk jagħtu opportunità importanti ħafna għall-adozzjoni ta' miżuri għaż-żieda tat-trasparenza tal-imsemmijin elezzjonijiet u t-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tagħhom;

Or. pt

Emenda 14
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi jidher li l-partiti politiċi Ewropej ewlenin jinnominaw il-kandidati tagħhom stess għall-Presidenza tal-Kummissjoni, bl-aspettattiva li dawk il-kandidati jkollhom rwol ewlieni fil-kampanja elettorali tal-Parlament, b'mod partikulari billi personalment jippreżentaw il-programm politiku tagħhom;

Emenda

E. billi jidher li l-partiti politiċi Ewropej ewlenin jinnominaw il-kandidati tagħhom stess għall-Presidenza tal-Kummissjoni, bl-aspettattiva li dawk il-kandidati jkollhom rwol ewlieni fil-kampanja elettorali tal-Parlament, b'mod partikulari billi personalment jippreżentaw il-programm politiku tagħhom ***fl-Istati Membri kollha tal-UE***;

Or. pt

Emenda 15
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi ***jidher li*** l-partiti politiċi Ewropej ewlenin ***jinnominaw*** il-kandidati tagħhom stess għall-Presidenza tal-Kummissjoni, bl-aspettattiva li dawk il-kandidati jkollhom rwol ewlieni fil-kampanja elettorali tal-Parlament, b'mod partikulari billi personalment jippreżentaw ***il-programm politiku tagħhom***;

Emenda

E. billi l-partiti politiċi Ewropej ewlenin ***qed iħejju ħalli jkollhom*** il-kandidati tagħhom stess għall-Presidenza tal-Kummissjoni ***demokratikament magħżulin mill-membri tal-partit***, bl-aspettattiva li dawk il-kandidati, ***li jkunu jirrappreżentaw il-partiti politiċi Ewropej kollha, għandu*** jkollhom rwol ewlieni fil-kampanja elettorali tal-Parlament, b'mod partikulari billi personalment jippreżentaw ***il-programmi tal-partiti politiċi Ewropej rispettivi tagħhom għall-iżvilupp futur tal-UE, kif ukoll billi jippersonifikaw il-profil politiku u l-politiki futuri tal-Kummissjoni tal-UE u, għal dak il-fini, jikkampanjaw attivament fl-Istati Membri kollha tal-UE***;

Emenda 16
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi *d-demokrazija partitika interna* u standards għoljin ta' ftuħ u integrità *min-naħa tal-partiti politiċi* huma bażi essenzjali biex *tiżdied* il-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema politika;

Emenda

F. billi *n-natura intrinsekament demokratika tal-partiti politiċi Ewropej* u *l-istandards* għoljin *li dejjem iridu josserva, kemm f'termini* ta' ftuħ u integrità *kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni mal-membri nazzjonali tal-partiti fil-livell ta' livelli individwali nazzjonali*, huma bażi essenzjali biex *tinħoloq* il-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema politika *tal-UE*;

Emenda 17
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi *s-sejba* ta' soluzzjoni għall-kriżi attwali *tal-governanza fl-UE* tirrikjedi leġittimazzjoni demokratika ikbar *tal-proċess ta' integrazzjoni*;

Emenda

G. billi *sejba* ta' soluzzjoni għall-kriżi attwali *li qed tolqot il-proċess ta' integrazzjoni tal-UE* tirrikjedi, *u tista' tinkiseb permezz ta'*, leġittimazzjoni demokratika ikbar *tal-politika, l-ewwel u qabel kollox permezz ta' involviment dirett u indirett taċ-ċittadini fid-deċiżjonijiet politiċi fil-livelli kollha*;

Emenda 18
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi s-sejba ta' soluzzjoni għall-kriżi attwali tal-governanza fl-UE tirrikjedi leġittimazzjoni demokratika ikbar tal-proċess ta' integrazzjoni;

Emenda

G. billi s-sejba ta' soluzzjoni għall-kriżi attwali tal-governanza fl-UE tirrikjedi leġittimazzjoni demokratika ikbar tal-proċess ta' integrazzjoni, **u dan neċessarjament jinvolti rwol politiku dejjem akbar min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea;**

Or. en

Emenda 19
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi ċ-ċittadini għandhom id-dritt li joħorġu għall-elezzjonijiet u li jivvutaw fl-elezzjoni tal-Parlament Ewropew meta jkunu jgħixu fi Stat Membru li ma jkun l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom;

Emenda

H. billi ċ-ċittadini **tal-Unjoni** għandhom id-dritt li joħorġu għall-elezzjonijiet u li jivvutaw fl-elezzjoni tal-Parlament Ewropew **ukoll** meta jkunu jgħixu fi Stat Membru li ma jkun l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom;

Or. de

Emenda 20
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ħa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ħa. billi l-kampanji elettorali għadhom bil-fokus primarju tagħhom fuq il-kwestjonijiet nazzjonali, u jimbuttaw lura fl-isfond d-dibattitu fuq kwestjonijiet prettament Ewropej, u dan għandu impatt negattiv fuq il-livell ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew;

Or. pt

Emenda 21

Morten Messerschmidt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

I. billi l-għadd ta' vutanti fl-elezzjoni jista' jiżdied permezz ta' kampanja politika attiva, fejn il-partiti politiċi u l-kandidati tagħhom jikkompetu għal voti u siġġijiet abbażi ta' programmi alternattivi li jindirizzaw id-dimensjoni Ewropea tal-politika;

imħassar

Or. en

Emenda 22

Alain Lamassoure, Constance Le Grip

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

J. billi l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika jissuġġerixxi li maġġoranza kbira lesta li tivvotajekk tkun informata aħjar dwar il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi, il-programmi u l-kandidati tagħhom;

J. billi l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika jissuġġerixxi li maġġoranza kbira lesta li tivvotajekk tkun informata aħjar dwar il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi, il-programmi u l-kandidati tagħhom, **u s-**

sistema tal-votazzjoni;

Or. fr

Emenda 23
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika jissuġġerixxi li maġġoranza kbira lesta li tivvotajekk tkun informata aħjar dwar il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi, il-programmi u l-kandidati tagħhom;

Emenda

J. billi l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika jissuġġerixxi li maġġoranza kbira lesta li tivvotajekk tkun informata aħjar dwar il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi, il-programmi u l-kandidati tagħhom, ***u għalhekk, jiġu inkoraġġiti l-emittenti kollha tal-midja ħalli jittrattaw l-elezzjonijiet bl-akbar attenzjoni;***

Or. en

Emenda 24
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika jissuġġerixxi li maġġoranza kbira lesta li tivvotajekk tkun informata aħjar dwar il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi, il-programmi u l-kandidati tagħhom;

Emenda

Ja. billi l-perċezzjoni tad-dimensjoni Ewropea tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew hi oskurata mill-fatt li jseħħu f'dati differenti fl-Istati Membri varji;

Or. pt

Emenda 25
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

K. billi l-President tal-Kummissjoni **Ewropea** jiġi elett mill-Parlament fuq proposta mill-Kunsill Ewropew, li għandu jqis ir-riżultati tal-elezzjonijiet u għandu jikkonsulta lill-Parlament **il-ġdid** qabel ma jagħmel in-nomina/i tiegħu;

Emenda

K. billi l-President tal-Kummissjoni **tal-UE** jiġi elett mill-Parlament **Ewropew** fuq proposta mill-Kunsill Ewropew, li għandu jqis ir-riżultati tal-elezzjonijiet u għandu jikkonsulta lill-Parlament **appena elett** qabel ma jagħmel in-nomina/i tiegħu;

Or. de

Emenda 26 Andrew Duff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

K a. billi l-arranġamenti dettaljati għall-konsultazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kunsill Ewropew dwar l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni jistgħu, skont id-Dikjarazzjoni 11, jiġu determinati 'b'komuni akkordju';

Or. en

Emenda 27 Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1. Jitlob **lill-Istati Membri u** lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas **sitt** ġimgħat qabel il-jiem tal-votazzjoni, jiġifieri fil-bidu ta' April 2014;

1. Jitlob lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas **ħames** ġimgħat qabel il-jiem tal-votazzjoni, jiġifieri fil-bidu ta' April 2014;

Emenda 28
Marietta Giannakou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex jorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas **sitt** ġimgħat qabel il-jiem tal-votazzjoni, jiġifieri fil-bidu ta' **April** 2014;

Emenda

1. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex jorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas **għaxar** ġimgħat qabel il-jiem tal-votazzjoni, jiġifieri fil-bidu ta' **Marzu** 2014;

Or. el

Emenda 29
Jo Leinen, Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex jorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas **sitt ġimgħat** qabel il-jiem tal-votazzjoni, jiġifieri fil-bidu **ta' April 2014**;

Emenda

1. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex jorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas **tliet xhur** qabel il-jiem tal-votazzjoni, jiġifieri fil-bidu **tal-perijodu elettorali**;

Or. en

Emenda 30
Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas sitt ġimgħat qabel ***il-jiem tal-votazzjoni***, jiġifieri fil-bidu ta' April 2014;

Emenda

1. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas sitt ġimgħat qabel ***il-bidu tal-perijodu elettorali***, jiġifieri fil-bidu ta' April 2014;

Or. en

Emenda 31 Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali jiżguraw li l-elezzjoni tal-2014 għall-Parlament Ewropew tkun imsejsa fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza, skont l-arranġamenti nazzjonali eżistenti, u li d-diversità politika prevalenti tal-UE tkun riflessa fil-Parlament Ewropew;

Or. de

Emenda 32 Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2. Iħeġġeġ ***lill-Istati Membri jaraw*** li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-

2. Iħeġġeġ ***lill-partiti politiċi nazzjonali jagħmlu l-almu tagħhom kollu ħalli jiżguraw*** li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti

listi tal-kandidati rispettivi tagħhom;

politiċi Ewropej **alleati jkunu** jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom

Or. it

Emenda 33
Gunnar Hökmark

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Ihegġegħ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom;

Emenda

2. Jissottolinja li l-partiti politiċi għandhom il-jedd kollu jiddeċiedu kif jippreżentaw ruħhom lill-votanti f'jum l-elezżjoni mingħajr interferenza min-naħa tal-gvern;

Or. en

Emenda 34
Morten Messerschmidt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Ihegġegħ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 35
Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet ***u l-emblemi*** tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom ***jew l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti nazzjonali rispettivi***;

Or. en

Emenda 36
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, ***fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom flimkien mal-listi rispettivi tal-kandidati***;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot;

Or. en

Emenda 37
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati ***rispettivi tagħhom***;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej ***li jkunu jappartjenu għalihom ikunu*** jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati;

Or. de

Emenda 38
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom, ***u jitlob impenn minn dawk eletti li filfatt iservu bħala Membri sakemm ma jinħatrux f'kariga f'istituzzjoni oħra tal-Unjoni Ewropea;***

Or. en

Emenda 39
Rafał Trzaskowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom;

Emenda

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaraw li l-ismijiet u l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot ***u isem il-partit nazzjonali***, fejn il-listi tal-kandidati rispettivi tagħhom;

Or. en

Emenda 40
Alain Lamassoure, Constance Le Grip

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 2 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2a. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partijiet

politiċi jippressaw għal proporzjon ogħla ta' nisa fil-listi tal-kandidati u, safejn ikun possibbli, li jħeġġu listi b'rappreżentanza ugwali;

Or. fr

Emenda 41

Alain Lamassoure, Constance Le Grip

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti;

Emenda

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti *msejsin fuq il-pjattaforma tal-partit u fuq il-programm tal-kandidat tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni;*

Or. fr

Emenda 42

Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni *biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu* jistgħu jibnu kampanja sinifikanti;

Emenda

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni *u li jippreżentaw il-programmi elettorali tagħhom mill-anqas sitt ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu elettorali ħalli jkunu* jistgħu *jorganizzaw dibattiti politiċi bejn il-kandidati u* jibnu kampanja sinifikanti *mal-UE kollha, preferibbilment fl-Istati Membri kollha;*

Emenda 43
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej **jaħtru** l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti;

Emenda

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej **jagħżlu b'mod demokratiku** l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni **tal-UE** biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti;

Or. de

Emenda 44
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti;

Emenda

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti **li tikkonċentra fuq il-kwestjonijiet Ewropej**;

Or. en

Emenda 45
Rafał Trzaskowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja ***sinifikanti***;

Emenda

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja ***mal-UE kollha***;

Or. en

Emenda 46

Othmar Karas, Richard Seeber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni ***biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni***, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti;

Emenda

3. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni ***mill-anqas tliet xhur qabel l-elezzjoni***, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti;

Or. de

Emenda 47

Andrew Duff

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 3 a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3 a. Jinsisti li l-partiti politiċi fil-livelli kollha jadottaw proċeduri demokratiċi u trasparenti għall-għażla tal-kandidati tagħhom għall-Parlament Ewropew u għall-Presidenza tal-Kummissjoni;

Emenda

Or. en

Emenda 48
Gerald Häfner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3 a. Jinsisti li l-partiti politiċi fil-livelli kollha jadottaw proċeduri demokratiċi u trasparenti permezz ta' votazzjoni ħielsa, ugwali u sigrieta, għall-għażla tal-kandidati tagħhom għall-Parlament Ewropew u għall-Presidenza tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 49
Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3 a. Jitlob lill-partiti nazzjonali jinfurmaw liċ-ċittadini, qabel u matul il-kampanja elettorali, dwar l-affiljazzjoni tagħhom ma' partit politiku Ewropew u l-appoġġ tagħhom għall-kandidat tiegħu għall-presidenza tal-Kummissjoni u għall-programm politiku tiegħu;

Or. en

Emenda 50
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3 a. Jinsisti li l-partiti politiċi Ewropej fil-livelli kollha jadottaw proċeduri demokratiċi u trasparenti għall-għażla tal-kandidati tagħhom għall-Parlament Ewropew u għall-Presidenza tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 51

Zita Gurmai, Mikael Gustafsson

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3 b. iħeġġeġ lill-partiti politiċi fil-livelli kollha jiżguraw ekwilibriju bejn in-nisa u l-irġiel fil-listi rispettivi tagħhom tal-kandidati l-aktar billi jevitaw li jkollhom aktar minn żewġ kandidati tal-istess sess wieħed wara l-ieħor;

Or. en

Emenda 52

Vital Moreira

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3 b. Iħeġġeġ lill-partiti politiċi nazzjonali jinkludu fil-listi tagħhom tal-kandidati liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħrajn li jkunu joqogħdu f'dak l-istess Stat Membru tal-partit nazzjonali;

Or. en

Emenda 53
Gunnar Hökmark

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. *Ihegġegħ lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej;*

Emenda

4. *Jissottolinja li l-Istati Membri ma għandhomx jintervjenu fid-dipendenza tal-midja liberi;*

Or. en

Emenda 54
Alain Lamassoure, Constance Le Grip

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Ihegġegħ lill-Istati Membri **jippermettu** x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej;

Emenda

4. Ihegġegħ lill-Istati Membri **jipromwovu** x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej; **hu tal-fehma li l-kampanja elettorali ma għandhiex tinħakem għal finijiet purament nazzjonali;**

Or. fr

Emenda 55
Andrew Nicholas Duff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. *Ihegġegħ lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej;*

Emenda

imħassar

Emenda 56
Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Iħeġġeġ *lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej;*

Emenda

4. Iħeġġeġ *lill-partiti politiċi nazzjonali jinkludu messaġġi tal-partit politiċi Ewropej rispettivi fix-xandiriet politiċi tagħhom;*

Or. en

Emenda 57
Helmut Scholz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej;

Emenda

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi *fil-midja tal-massa, u fix-xogħol ta' relazzjonijiet pubbliċi*, min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej *bl-intiża li dawk l-attivitajiet iridu jissejsu fuq opportunitajiet indaqs u jikkonformaw mal-linji-gwida tal-ħarsien tad-data;*

Or. de

Emenda 58
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej;

Emenda

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej ***f'waħda mill-ilsna uffiċjali tal-UE, b'sottotitoli kif ikun xieraq***;

Or. en

Emenda 59
Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. ***Jinsisti*** li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jimplimentaw b'mod effettiv il-miżuri miftiehma ta' assistenza liċ-ċittadini li jkunu jixtiequ jivvutaw jew joħorġu għall-elezzjoni fi Stati Membri li ma jkunux l-Istati Membri ta' oriġini tagħhom;

Emenda

5. ***Jirrakkomanda*** li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jimplimentaw b'mod effettiv il-miżuri miftiehma ta' assistenza liċ-ċittadini li jkunu jixtiequ jivvutaw jew joħorġu għall-elezzjoni fi Stati Membri li ma jkunux l-Istati Membri ta' oriġini tagħhom;

Or. en

Emenda 60
Alain Lamassoure, Constance Le Grip

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 5 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5a. Jitlob lill-Istati Membri jorganizzaw kampanja pubblika b'appaġġ għall-ħruġ tal-votanti bl-iskop li ma jissoktax it-tnaqqis fir-rata ta' parteċipazzjoni;

Emenda

Or. fr

Emenda 61
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 5 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5a. Iħeġġeġ lill-partiti politiċi jinkludu fil-listi elettorali tagħhom liċ-ċittadini Ewropej ta' nazjonalitajiet oħrajn li jkunu joqogħdu fl-Istat Membru tagħhom;

Or. pt

Emenda 62
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru **sat-20.00** CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru **sat-22.00** CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Or. it

Emenda 63
Othmar Karas, Richard Seeber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jinsisti li ma **jiġi ppubblikat** l-ebda **riżultat** fl-ebda Stat Membru sat-20.00 CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

6. Jinsisti li ma **tiġi ppubblikata** l-ebda **projezzjoni għall-Ewropa kollha kemm hi** fl-ebda Stat Membru sat-20.00 CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Or. de

Emenda 64
Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru sat-**20.00** CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Emenda

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru sat-**22.00** CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Or. en

Emenda 65
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru sat-**20.00** CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Emenda

6. Jinsisti li, **skont it-termini tal-Artikolu 10(2) tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti lejn il-Parlament Ewropew b'suffraġju dirett universali**, ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru sat-**20.00** CET il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014, **wara li l-postijiet kollha ta' votazzjoni jkunu nqas mill-istati Membri kollha**;

Or. pt

Emenda 66
György Schöpflin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru **sat-20.00 CET** il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Emenda

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat ***tal-elezzjonijiet jew tal-exit polls*** fl-ebda Stat Membru ***sa qabel għeluq il-votazzjoni fl-Istati Membri li l-eletturi tagħhom ikunu l-aħħar li vvotaw nhar*** il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Or. en

Emenda 67
Rainer Wieland

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru **sat-20.00 CET** il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

Emenda

6. Jinsisti li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fl-ebda Stat Membru **sat-20.00 CET** il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014;

jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm ottemperanza mal-Artikolu 10 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet tal-1976 billi thedded u timponi kastigi effikaċi;

Or. de

Emenda 68
Jean-Pierre Audy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 6 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. Jipproponi li l-persunal tal-Parlament Ewropew għandu, mingħajr dewmien, jippubblika rendikont dettaljat tal-isħubija fil-Parlament skont l-aggruppament politiku, kemm jista' jkun malajr wara li jkun għalaq l-aħħar post tal-votazzjoni u

mhux aktar tard minn mindu l-projezzjonijiet tar-riżultati jkunu saru irreversibbli, bl-iskop li jippermettu lill-forzi politiċi u lir-rappreżentanti tagħhom, mhux lanqas il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern, li jkunu nnegozjaw il-kompromess meħtieġ ħalli jiġi elett il-President il-ġdid tal-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew skont proposta tal-Kunsill Ewropew, skont it-termini tal-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Or. fr

Emenda 69
Andrew Duff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 6 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6 a. Jipproponi li l-arranġamenti għall-konsultazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kunsill Ewropew dwar l-elezzjoni tal-President il-ġdid tal-Kummissjoni jkunu kif ġej:

(i) matul Ġunju, isiru kuntatti informali bejn il-Parlament u l-President tal-Kunsill Ewropew;

(ii) matul is-sessjoni kostitwenti (1-3 ta' Lulju) isseħħ l-ewwel konsultazzjoni formali bejn il-President il-ġdid tal-Parlament u l-Konferenza tal-Presidenti mal-President tal-Kunsill Ewropew, li twassal għan-nomina formali mill-Kunsill Ewropew tal-kandidat (3-4 ta' Lulju);

(iii) matul il-ġimgħa li tibda 7 ta' Lulju, isir is-smigħ tal-President-Magħżul tal-Kummissjoni fil-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament u fil-Gruppi;

(iv) id-dibattitu u l-votazzjoni dwar l-elezzjoni tal-President-Magħżul tal-Kummissjoni jsiru matul is-sessjoni

parzjali skedata għall-14-17 ta' Lulju;

Or. en

Emenda 70
Vital Moreira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 6 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6 a. Jistenna li f'dan il-proċess, il-kandidat għal President tal-Kummissjoni li jkun tressaq mill-partit politiku jew mill-koalizzjoni ta' partit politiċi Ewropej li jkunu rebħu l-akbar għadd ta' siġġijiet fil-Parlament ikun dak li jitqies l-ewwel minħabba fl-aċċertament tal-abilità tiegħu/tagħha li jikseb l-appoġġ tal-maġġoranza assoluta neċessarja fil-Parlament;

Or. en

Emenda 71
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 6 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaqblu li l-perijodu li matulu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet, kif definit skont l-Artikolu 10(2) tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti lejn il-Parlament Ewropew b'suffraġju dirett universali, ma jiġix prorogat aktar mit-20.00 CET nhar il-Ħadd 24 ta' Mejju 2104;

Or. pt

Emenda 72
Rainer Wieland

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 6 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. Jikkunsidra li, fid-dawl tal-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-fatt li l-Membri tal-Kummissjoni huma aktar magħrufin mill-pubbliku Ewropew milli kienu qabel, il-kandidatura u l-eliġibilità tal-Kummissarji fil-kariga u l-membri ta' korpi oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 7 tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett tal-20 ta' Settembru 1976 għandhom jiġu rregolati b'tali mod li ma ssir l-ebda rikompożizzjoni tal-persunal għal terminu ta' żmien qasir li tkun taħbat mal-elezzjoni tal-Parlament Ewropew u ħatriet istituzzjonali;

Or. de

Emenda 73
Jean-Pierre Audy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6b. Jitlob lill-Parlament Ewropew u lill-partiti politiċi Ewropej ikunu involuti fil-konsultazzjonijiet xierqa li l-Kunsill Ewropew hu marbut ikollu skont it-termini tal-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea bl-iskop li jipproponi kandidat għall-Parlament li jkun elett President tal-Kummissjoni;

Emenda 74
Andrew Duff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6 b. Jistenna li f'dan il-proċess, il-kandidat għal President tal-Kummissjoni li jkun tressaq mill-partit politiku Ewropew li jkun rebaħ l-akbar għadd ta' siġġijiet fil-Parlament ikun dak li jitqies l-ewwel minħabba fl-aċċertament tal-abilità tiegħu/tagħha li jikseb l-appoġġ tal-maġġoranza assoluta neċessarja fil-Parlament;

Or. en

Emenda 75
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6b. Iqis li hu importanti, sabiex jinholq ambjent politiku ġenwinament Ewropew, li ssir data komuni għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u l-postijiet ta' votazzjoni jingħalqu kollha fl-istess ħin;

Or. pt

Emenda 76
Rainer Wieland

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6b. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżguraw li d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar l-Elezzjonijiet ikunu emendati ħalli l-Parlament jissejjaħ għall-ewwel darba fit-30 jum wara l-aħħar jum tal-elezzjoni Ewropea;

Or. de

Emenda 77
Jean-Pierre Audy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6c. Jitlob lill-Kunsill Ewropew jeleġġi lill-President tiegħu, skont it-termini tal-Artikolu 15(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fl-istess waqt li l-President tal-Kummissjoni jkun elett mill-Parlament Ewropew;

Or. fr

Emenda 78
Paulo Rangel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu kunsiderazzjoni immedjata lill-possibilità li jkun hemm data waħda għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2014;

Or. pt

Emenda 79
Jean-Pierre Audy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6d. Jipproponi lill-Kunsill Ewropew li jqis jekk il-President futur tiegħu għandux ikun il-persuna appena eletta mill-Parlament Ewropew fil-kariga ta' President tal-Kummissjoni;

Or. fr